MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## JACQUELINE PADOVANI GRIMA

Seduta tat-8 ta' Mejju, 2014

Citazzjoni Numru. 1002/2013

**Bank of Valletta p.l.c. (C 2833)**

**-VS-**

**Joseph u Josette mizzewgin Calleja**

**(K.I. numru 247264(M) u 184466(M))**

**Il-Qorti :**

Rat ir-rikors guramentat minn Romuald Attard in rapprezentanza ta' Bank of Valletta plc tat-18 t' Ottubru 2013, li jaqra hekk:

1. *"Illi bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija f'zewg kuntratti, datati 5 ta' Gunju 2006 in atti n-Nutar Dottor Mark Zammit (Dok. "A" u Dok. "B") fejn is-socjeta' attrici ikkoncediet facilitajiet bankarji lil Joseph u Josette mizzewgin Calleja.*

2. *Illi s-socjeta' attrici tinsab kreditrici ta' Joseph u Josette mizzewgin Calleja fis-somma ta' mija u ghaxart elef, mija u sebgha u ghoxrin Ewro u tnejn u tmenin centezmu (€110,127.82) bilanc ghad-debitu fil-"Loan Accounts" ta' Joseph u Josette mizzewgin Calleja mal-Bank of Valletta p.l.c (Dok."C1" sa "C5" u Dok. "D1 sa D3"), flimkien mal-imghax ulterjuri mid-19 ta' Gunju 2013 sad-data ta' l-effettiv pagament.*

3. *Illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratti fuq imsemmija (u hawn ezebiti bhala Dok. "A"u Dok. "B"), partikolarment imma mhux esklussivament , billi Joseph u Josette mizzewgin Calleja:*

   *(a) Naqsu milli jhallasu l-pagamenti dovuti lis-socjeta' mittenti kif stipulat fl-imsemmija kuntratti;*

   *(b) Kienu inadempjenti f'obbligi ohra minnhom assunti fl-istess kuntratti, sopraindikati u/jew ;*

   *(c) Hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta' l-istess Joseph u Josette mizzewgin Calleja li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita' tal-hlas lura ta' l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta' attrici.*

4. *Illi l-attur nomine jaf bil-fatti fuq imsemmija personalment.*

5. *Illi l-konvenuti Joseph u Josette mizzewgin Calleja gew interpellati permezz ta' ittra ufficjali datata 20 ta' Jannar 2011, li kopja taghha qed tigi hawn ezibita u mmarakta Dok "E", sabiex jithallas id-dejn fuq imsemmi, izda dawn baqghu inadempjenti u ghal din ir-raguni kellha ssir din il-kawza.*

*Ghaldaqstant, wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet necessarji u li jinghataw il-provvedimenti opportuni, jghidu l-konvenut ghaliex m'ghandhiex din il-Qorti Tilqa' t-talbiet tas-socjeta' attrici li qeghda hawn titlob li Din il-Qorti Joghgobha:*

1. *Tiddikjara u Tiddeciedi illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratti imsemmija (u hawn ezebiti bhala Dok "A" u "B"), partikolarment imma mhux esklussivament, billi Joseph u Josette mizzewgin Calleja:*

   *(a) Naqsu milli jhallsu l-pagamenti dovuti lis-socjeta' mittenti kif stipulat fl-imsemmi kuntratt;*

   *(b) Kienu inadempjenti f'obbligi ohra minnhom assunti fl-istess kuntratti, u/jew ;*

   *(c) Hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta' l-istess Joseph u Josette mizzewgin Calleja li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita' tal-hlas lura ta' l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta' attrici; u*

2. *Tikkundanna lil Joseph u Josette mizzewgin Calleja jhallasu flimkien u "in solidum" bejniethom lis-socjeta' attrici s-somma ta' mija u ghaxart elef, mija u sebgha u ghoxrin Ewro u tnejn u tmenin centezmu (€110,127.82) bilanc ghad-*

*debitu fil-"Loan Accounts" ta' Joseph u Josette mizzewgin Calleja mal-Bank of Valletta p.l.c (Dok."C1" sa "C5" u Dok. "D1 sa D3"), flimkien mal-imghax ulterjuri mid-19 ta' Gunju 2013 sad-data ta' l-effettiv pagament*

*Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 20 ta' Jannar 2011 kontra l-konvenuti li huma ngunt minn issa sabiex jidhru ghas-subizzjoni."*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-bank rikorrenti u l-elenku ta' dokumenti esebiti mar-rikors guramentat;

Rat li l-atti tar-rikors guramentat, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati lill-intimati skond il-ligi;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat in-nota t'**ammissjoni** tal-intimati Joseph u Josette mizzewgin Calleja datata 26 ta'Frar 2014;

Rat l-atti kollha tal-kaz;

**Ikkonsidrat:**

Il-Qorti rat u ezaminat il-provi dokumentari prodotti mill-bank attur u cioe' Dok. A u Dok. B– kuntratti f'Atti tan-Nutar Dr. Mark Zammit li permezz taghhom l-intimati gew moghti facilitajiet bankarji ghas-self hemm indikat, b'interess semplici ta' anqas minn tmienja fil-mija (8%) – vide Dok. C1 sa C5 minn fol 17 sa 21 u Dok. D1 sa D3 a fol. 22 sa 24 , l-ittra ufficjali Dok. E a fol. 25.

Illi di piu mix-xhieda guramentata ta' Rose Cortis, *Litigation Officer* mal-bank attur jirrizulta illi ma sar ebda depositu ulterjuri minn naha tal-intimati mid-data tal-prezentata tar-rikors guramentat 'l hawn.

Dawn il-provi ma huma bl-ebda mod kontradetti anzi jirrizulta illi l-intimati, permezz tan-nota taghhom tas-26 ta'Frar 2014– (vide fol 38), **ammettew** t-talbiet tal-bank attur.

**Ghal dawn il-mottivi , l-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet tal-bank attur, bl-ispejjez u bl-imghax kif mitluba kontra l-intimati Joseph u Josette mizzewgin Calleja.**

**Moqrija.**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------